On Tuesday, 23rd April, 2024, from 6.00 p.m. till 11.00 p.m., through Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Pjazza Indipendenza and Triq ir-Repubblika;

Nhar il-Ħadd, 28 ta' April, 2024, mill-10.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Pjazza Katidral, Triq it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza and Triq ir-Repubblika (sa ħdejn il-każin Aurora).

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Belt Valletta

Mill-Ħamis, 18 ta' April, 2024, mis-1.00 a.m., sat-Tlieta, 30 ta' April, 2024, fil-11.59 p.m., minn Xatt il-Barriera bejn il-mina ta' ħdejn id-Dwana u Triq il-Lvant, Triq il-Lvant bejn Triq il-Mediterran u d-dħul għas-Sur ta' Santa Barbara u s-Sur ta' Santa Barbara kollu;

Mit-Tlieta, 23 ta' April, 2024, mis-1.00 a.m., sal-Erbgħa, 24 ta' April, 2024, fil-11.59 p.m., minn Xatt il-Barriera bejn il-mina ta' ħdejn id-Dwana u Triq il-Lvant, Triq il-Lvant bejn Triq il-Mediterran u d-dħul għas-Sur ta' Santa Barbara u s-Sur ta' Santa Barbara kollu;

Minn nhar il-Ħadd, 28 ta' April, 2024, mis-1.00 a.m., sa nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024, fil-11.59 p.m., minn Xatt il-Barriera bejn il-mina ta' ħdejn id-Dwana u Triq il-Lvant, Triq il-Lvant bejn Triq il-Mediterran u d-dħul għas-Sur ta' Santa Barbara u s-Sur ta' Santa Barbara kollu.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 26 ta'April, 2024, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Ġwanni XXIII, Triq Domenico Cachia, Triq il-Miżħna u Triq Ġużeppi Ciantar;

Nhar it-Tnejn, 29 ta'April, 2024, mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq il-Bwieraq u Triq Gori Mancini;

Nhar it-Tlieta, 30 ta'April, 2024, mill-10.00 a.m. sal-11.00 p.m. minn Triq Gori Manici;

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Mejju, 2024, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq il-Bwieraq, Triq il-Fuħħarin, Triq F. S. Caruana, Triq il-Karmnu, Triq Brared u Triq Anġlu Mallia.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħadd, 28 ta' April, 2024, mit- 8.30 a.m. san-12.30 p.m., minn Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq San Gejtanu, Triq Atocia, Triq Ħal Qormi u lura għall-knisja parrokkjali fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

On Sunday, 28th April, 2024, from 10.00 a.m. till 1.00 p.m., through Pjazza Katidral, Triq it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza and Triq ir-Repubblika (till near Aurora band club).

Public transport may also be affected.

Valletta

From Thursday, 18th April, 2024, from 1.00 a.m., till Tuesday, 30th April, 2024, at 11.59 p.m., through Xatt il-Barriera between Customs tunnel and Triq il-Lvant, Triq il-Lvant between Triq il-Mediterran and entrance to Santa Barbara Bastions and all of Santa Barbara Bastions;

From Tuesday, 23rd April, 2024, from 1.00 a.m., till Wednesday, 24th April, 2024, at 11.59 p.m., through Xatt il-Barriera between Customs tunnel and Triq il-Lvant, Triq il-Lvant between Triq il-Mediterran and entrance to Santa Barbara Bastions and all of Santa Barbara Bastions;

From Sunday, 28th April, 2024, from 1.00 a.m., till Tuesday, 30th April, 2024, at 11.59 p.m., through Xatt il-Barriera between Customs tunnel and Triq il-Lvant, Triq il-Lvant between Triq il-Mediterran and entrance to Santa Barbara Bastions and all of Santa Barbara Bastions.

Public transport will be affected.

Closure of streets will be done as required.

Birkirkara

On Friday, 26th April, 2024, from 4.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq Ġwanni XXIII, Triq Domenico Cachia, Triq il-Miżħna and Triq Ġużeppi Ciantar;

On Monday, 29th April, 2024, from 4.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq il-Bwieraq and Triq Gori Mancini;

On Tuesday, 30th April, 2024, from 10.00 a.m. till 11.00 p.m., through Triq Gori Manici;

On Wednesday, 1st May, 2024, from 4.00 p.m. till 11.00 p.m., through Triq il-Bwieraq, Triq il-Fuħħarin, Triq F. S. Caruana, Triq il-Karmnu, Triq Brared and Triq Anġlu Mallia.

Public transport will be affected.

Ħamrun

On Sunday, 28th April, 2024, from 8.30 a.m. till 12.30 p.m., through Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq San Gejtanu, Triq Atocia, Triq Ħal Qormi and back to parish church in Triq il-Kbira San Ġużepp.

Hemm bżonn clearance. Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' April, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 73

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024, mit-3.30 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Qrejzu, Triq il-Kbira, Triq Brared, Triq Anġlu Mallia, Triq il-Bwieraq, Triq F. S. Caruana, Triq il-Fuħħarin, Triq Gori Mancini, Triq Ignazio Saverio Mifsud u Triq Ganu;

Nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024, mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Triq il-Bwieraq, Triq il-Karmnu u Triq Brared;

Nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024, mis-7.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Ignazio Saverio Mifsud, Triq il-Karmnu u Triq il-Bwieraq.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' April, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 74

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħal Tarxien

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id- dati u ħinijiet:

Clearance needed. Closure of streets and public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

12th April, 2024

POLICE NOTICE

No. 73

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Friday, 26th April, 2024, from 3.30 p.m. till 9.00 p.m., through Triq Qrejzu, Triq il-Kbira, Triq Brared, Triq Anġlu Mallia, Triq il-Bwieraq, Triq F. S. Caruana, Triq il-Fuħħarin, Triq Gori Mancini, Triq Ignazio Saverio Mifsud and Triq Ganu;

On Tuesday, 30th April, 2024, from 5.00 p.m. till 7.00 p.m., through Triq il-Bwieraq, Triq il-Karmnu and Triq Brared;

On Tuesday, 30th April, from 7.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq Ignazio Saverio Mifsud, Triq il-Karmnu and Triq il-Bwieraq.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

12th April, 2024

POLICE NOTICE

No. 74

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Tarxien

All traffic movement (transit and parking) is prohibited on the date and time hereunder:

Mill-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 2024 sat-Tlieta, 28 ta' Mejju, 2024, minn Triq Santa Tereża u Triq San Ġużepp (minn kantuniera ma' Triq Sammat sa kantuniera ma' Triq Santa Monika) jingħalqu għat-traffiku.

Transport pubbliku mhux se jiġi affettwat.

Ħal Qormi

Nhar is-Sibt, 20 ta' April, 2024, mis-7.00 p.m. sa 00.30 a.m., minn Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq il-Vitorja, Triq Cappodocia u Triq Pinto;

Nhar is-Sibt, 20 ta' April, 2024, u nhar it-Tlieta, 23 ta' April, 2024, minn nofsinhar san-00.30 a.m., minn Triq Dun Ġwakkin Schembri;

Nhar it-Tlieta, 23 ta' April, 2024, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Kbira, Triq Aniċi, Triq Santa Katarina, Triq il-Vitorja, Triq Pinto u Triq Dun Ġwakkin Schembri;

Nhar it-Tlieta, 23 ta' April, 2024, mis-7.00 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq Santa Katarina, Triq Pinto, Triq il-Vitorja, Triq Ġorġ Hyzler u Triq Aniċi.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' April, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 75

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar il-Ħadd, 21 ta' April, 2024, mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq il-Kunċizzjoni limiti tar-Rabat, Malta (żona tal-kappella);

Nhar it-Tlieta, 30th April, 2024, mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq San Ġużepp.

From Friday, 17th May, 2024 till Tuesday, 28th May, 2024, through Triq Santa Tereża and Triq San Ġużepp (from corner with Triq Sammat till corner with Triq Santa Monika) will be closed for traffic.

Public transport will not be affected.

Ħal Qormi

On Saturday, 20th April, 2024, from 7.00 p.m. till 00.30 a.m., through Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq il-Vitorja, Triq Cappodocia and Triq Pinto;

On Saturday, 20th April, 2024, and on Tuesday, 23rd April, 2024, from noon till 00.30 a.m., through Triq Dun Ġwakkin Schembri;

On Tuesday, 23rd April, 2024, from 7.00 p.m. till midnight, through Triq il-Kbira, Triq Aniċi, Triq Santa Katarina, Triq il-Vitorja, Triq Pinto and Triq Dun Ġwakkin Schembri;

On Tuesday, 23rd April, 2024, from 7.00 p.m. till 11.30 p.m., through Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq Santa Katarina, Triq Pinto, Triq il-Vitorja, Triq Ġorġ Hyzler and Triq Aniċi.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

12th April, 2024

POLICE NOTICE

No. 75

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Sunday, 21st April, 2024, from 8.00 a.m. till 2.00 p.m., through Triq il-Kunċizzjoni limits of Rabat, Malta (chapel area);

On Tuesday, 30th April, 2024, from 3.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq San Ġużepp.

In-Naxxar

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Mejju, 2024, mis-2.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Triq il-Kbira, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida and Triq Santa Luċija.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 2024, mill-4.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq Stella Maris.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' April, 2024

Naxxar

On Sunday, 5th May, 2024, from 2.00 p.m. till 7.00 p.m., through Triq il-Kbira, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida and Triq Santa Luċija.

Tas-Sliema

On Friday, 17th May, 2024, from 4.30 p.m. till 8.00 p.m., through Triq Stella Maris.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

12th April, 2024

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija l-ewwel pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana

Angelo Gafà
Kummissarju tal-Pulizija

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex matul il-perjodu minn Jannar sa Marzu, 2024

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
4/1/24	Arloġġ	Anthony Mifsud
4/1/24	Handbag u mobile phone	Andrew Zammit
6/1/24	Ċurkett	Josef Mizzi
23/1/24	Satchel	PS 1040
14/2/24	Mobile phone	Rose Attard
14/2/24	Ġiżirana	Francesco Saverio Xuereb
21/2/24	Portmoni	George Cutajar
29/2/24	Helmet	Anthony Stellini
4/3/24	Mobile phone	Fraser John Anderson
17/3/24	Portmoni	Marita Meylaq
20/3/24	Kartiera	Charlton Galea

It-12 ta' April, 2024

12th April, 2024

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija it-tieni pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana

Angelo Gafà
Kummissarju tal-Pulizija

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex matul il-perjodu minn Ottubru sa Diċembru, 2023

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
3/10/23	Mobile phone	Joseph Cutajar
3/10/23	Kartiera	Mariella Cardona
3/10/23	Kartiera	Marvic Grima
3/10/23	Bagalja u pupa	Marlene Cini
6/10/23	Kartiera	Vince Kata Barbala
10/10/23	Flus	Giuseppe Ellul
12/10/23	Mobile phone	George Saliba
25/10/23	Mobile phone	Charlie Farrugia
25/10/23	Handbag	Mariella Cardona
25/10/23	Ġiżirana	Joyce Azzopardi
25/10/23	Mobile	Raymond Spiteri
30/10/23	Kartiera	Julian Joseph Grech
6/11/23	Flus	Felicia Buttigieg
6/11/23	Flus	George Mercieca
6/11/23	Kartiera	Ramon Caruana
14/11/23	Flus	Anthony Lateo
16/11/23	Mobile	Patrick Bugeja
4/12/23	Arloġġ	Joseph Sultana
5/12/23	Portmoni	Attard Godfrey
11/12/23	Mobile	John Cardona
21/12/23	Kartiera	Maria Georgette Spiteri

It-12 ta' April, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 26 tal-2024

Malta International Fireworks Festival 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir ħruq tan-nar fil-Port il-Kbir bejn is-Sibt, 20 ta' April u t-Tlieta, 30 ta' April, 2024, iż-żewġ jiem inklużi.

Braken se jkunu rmiġġati u mgħobbija bil-logħob tan-nar fil-Moll tal-Kalkara fil-Bajja tar-Rinella.

Sidien ta' bastimenti rmiġġati fil-Bajja tar-Rinella għandhom ineħħu l-bastimenti tagħhom u ż-żona għandha tinżamm libera mill-Erbgħa, 17 ta' April, 2024, fil-11.59 p.m., sal-Erbgħa, l-1 ta' Mejju, 2024, fil-11.59 p.m. Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata lil bastimenti li jitħallew ġewwa l-Bajja tar-Rinella matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

12th April, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 26 of 2024

Malta International Fireworks Festival 2024

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies mariners that firework displays will be held in the Grand Harbour between Saturday, 20th April and Tuesday, 30th April, 2024, both days included.

Barges will be moored and loaded with fireworks at Kalkara Quay in Il-Bajja tar-Rinella.

Owners of vessels moored in Il-Bajja tar-Rinella are to remove their vessels and the area is to be kept clear from Wednesday, 17th April, 2024, at 11.59 p.m., to Wednesday, 1st May, 2024, at 11.59 p.m. Transport Malta will accept no liabilities whatsoever for any damage caused to vessels that are left within Il-Bajja tar-Rinella during the mentioned dates and times.

Is-sinkers li se jintużaw biex jassiguraw il-pontuni, se jkunu mmarkati b'bagi li jkollhom dawl fuqhom, fil-punti S u T, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Il-pontuni u s-sinkers tagħhom jitqiegħdu f'kull ġurnata tal-wirjiet, u jitilqu mill-Bajja tar-Rinella f'kull ġurnata tal-wirja fis-2.00 p.m.

Il-braken se jkunu rmiġġati fil-punti U, V u W, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Il-braken u s-sinkers jitilqu mill-Bajja tar-Rinella biex jitqieghdu fil-poċizzjoni tagħhom f'kull jum tal-wiri f'nofsinhar, imbaghad jitneħħew immedjatament wara li jintemmu l-wirjiet.

Il-baħħara huma infurmati li parti mill-Port il-Kbir, bejn il-linji immaġinarji A-B, C-D, E-F, G-H u x-xatt ta' bejniethom, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), se tkun magħluqa għall-bastimenti kollha, ħlief għal bastimenti awtorizzati kif iddikjarat għal kull jum.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 53'.590	014° 30'.699
B	35° 53'.458	014° 30'.831
C	35° 53'.417	014° 30'.937
D	35° 53'.512	014° 31'.031
E	35° 53'.541	014° 31'.155
F	35° 53'.545	014° 31'.359
G	35° 53'.963	014° 31'.376
H	35° 54'.143	014° 31'.221
S	35° 53'.794	014° 31'.114
T	35° 53'.642	014° 30'.841
U	35° 53'.681	014° 31'.150
V	35° 53'.660	014° 31'.113
W	35° 53'.662	014° 31'.282

Nhar is-Sibt, 20 ta' April, 2024

Il-Port il-Kbir se jkun magħluq għat-traffiku mis-7.00 p.m. sal-11.00 p.m., filwaqt li l-wirja tibda fit-8.30 p.m. u tintemm fl-10.45 p.m.

Nhar l-Erbgħa, 24 ta' April, 2024

Il-Port il-Kbir se jkun magħluq għat-traffiku mit-8.45 p.m. sal-11.15 p.m., filwaqt li l-wirja tibda fid-9.00 p.m. u tintemm fil-11.00 p.m.

Nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024

Il-Port il-Kbir se jkun magħluq għat-traffiku mit-8.45 p.m. sal-11.15 p.m., filwaqt li l-wirja tibda fid-9.00 p.m. u tintemm fil-11.15 p.m.

The sinkers that will be used to secure the pontoons, will be marked with buoys that have a light on them, at points S and T, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). The pontoons and their sinkers will be laid on each day of the displays, and they will depart from Il-Bajja tar-Rinella on each day of the display at 2.00 p.m.

The barges will be moored at points U, V and W, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). The barges and sinkers will depart from Il-Bajja tar-Rinella to be laid in their position on each day of the display at noon, they will then be removed immediately after the displays finish.

Mariners are informed that part of the Grand Harbour, between the imaginary lines A-B, C-D, E-F, G-H and the intermediate coastline, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), will be closed to all vessels, except for authorised vessels as stated for each day.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 53'.590	014° 30'.699
B	35° 53'.458	014° 30'.831
C	35° 53'.417	014° 30'.937
D	35° 53'.512	014° 31'.031
E	35° 53'.541	014° 31'.155
F	35° 53'.545	014° 31'.359
G	35° 53'.963	014° 31'.376
H	35° 54'.143	014° 31'.221
S	35° 53'.794	014° 31'.114
T	35° 53'.642	014° 30'.841
U	35° 53'.681	014° 31'.150
V	35° 53'.660	014° 31'.113
W	35° 53'.662	014° 31'.282

On Saturday, 20th April, 2024

The Grand Harbour will be closed to traffic from 7.00 p.m. till 11.00 p.m., while the display will commence at 8.30 p.m. and terminate at 10.45 p.m.

On Wednesday, 24th April, 2024

The Grand Harbour will be closed to traffic from 8.45 p.m. till 11.15 p.m., while the display will commence at 9.00 p.m. and terminate at 11.00 p.m.

On Tuesday, 30th April, 2024

The Grand Harbour will be closed to traffic from 8.45 p.m. till 11.15 p.m., while the display will commence at 9.00 p.m. and terminate at 11.15 p.m.

Barkun, li għandu jintuża bħala palk, se jitqiegħed fil-punt Z, kif muri fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-barkun (palk) jitpoġġa fil-pożizzjoni nhar il-Ħadd, 28 ta' April, 2024, bejn 6.45 p.m. u 9.00 p.m. Dan jerġa' jitqiegħed fl-istess pożizzjoni nhar it-Tnejn, 29 ta' April, 2024, fis-6.00 p.m., u jitneħħa nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024, wara l-wiri. Matul dan il-perjodu l-barkun (palk) ikollu dawl fuqu.

Ħlief għal bastimenti awtorizzati, Barriera Wharf, Lascaris Wharf u l-Fish Market għandhom jinżammu liberi minn nofsillejl u minuta sal-11.59 p.m. fil-jiem tal-wiri.

Matul l-avvenimenti, il-movimenti tal-vapuri fil-Port il-Kbir se jkunu ristretti. L-ebda bastiment ma jkun permess fiż-żona ristretta, ħlief b'arranġament mal-Kumitat organizzattiv/Valletta VTS. Bastimenti awtorizzati għandhom ikunu rmiġġati sew sa mhux aktar tard mit-8.00 p.m. fiż-żoni magħżula, kif muri bil-blu fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-bastimenti u l-għawwiema kollha huma mwissija biex iżommu 'l bogħod sew u jżommu distanza sigura ta' mhux inqas minn 200 metru mill-braken u 50 metru mill-pontuni waqt li jkunu qed jiġu rmunkati.

Il-bastimenti awtorizzati għandhom jagħtu lill-pontuni u l-barken spazju wiesa' ta' mill-inqas 200m. L-ebda moviment ma jkun permess matul il-wirjiet attwali.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-wirjiet tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tieghu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 200m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jittella' l-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom josservaw kull struzzjoni u direzzjoni maħruġa fuq VHF Channels 12/16 mill-Valletta VTS u l-uffiċjali tal-infurzar marittimu li jkunu fiż-żona.

Chart affettwata: BA 177

It-12 ta' April, 2024

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ,
L-UGWALJANZA, IR-RIFORMI
U D-DJALOGU SOĊJALI

Pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) fil-Ministeru għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali,

A barge, that is to be used as a stage, will be laid at point Z, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The barge (stage) will be laid in position on Sunday, 28th April, 2024, from 6.45 p.m. till 9.00 p.m. It will again be laid in the same position on Monday, 29th April, 2024, at 6.00 p.m., and removed on Tuesday, 30th April, 2024, after the display. During this period the barge (stage) will have a light on it.

Except for authorised vessels, Barriera Wharf, Lascaris Wharf and the Fish Market are to be kept clear from 00.01 a.m. till 11.59 p.m. on the days of the displays.

During the events, ship movements in the Grand Harbour will be restricted. No vessel will be allowed within the restricted area, except by arrangement through the organising Committee/Valletta VTS. Authorised vessels must be securely moored by not later than 8.00 p.m. in the designated areas, as shown in blue on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

All vessels and bathers are warned to keep well clear and maintain a safe distance of not less than 200 metres from the barges and 50 metres from the pontoons while they are being towed.

Authorised vessels are to give the display pontoons and barges a wide berth of at least 200m. No movements whatsoever will be allowed during the actual displays.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Mariners are to comply with any instructions and directions issued on VHF channel 12/16 by Valletta VTS and maritime enforcement officers that will be in the area.

Chart affected: BA 177

12th April, 2024

MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS,
EQUALITY, REFORMS AND
SOCIAL DIALOGUE

Position of Senior Manager (EU Funds) in the Ministry for European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for the European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue, invites

jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) fi ħdan id-Diviżjonijiet tal-Fondi Ewropej fil-Ministeru għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Senior Manager (EU Funds) fi ħdan id-Diviżjonijiet tal-Fondi Ewropej fil-Ministeru għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni li hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss, jew ma' tkomplija ta' bicca xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) taqa' taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 (ekwivalenti għal €35,737.33 fl-2024), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

3.2 Persuna magħżula tkun intitolata wkoll għal:

i. performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skont id-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti;

ii. disturbance allowance ta' 15% (minflok overtime) tas-salarju rispettive li jista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal perjodi speċifiċi awtorizzat mis-Segretarju Permanenti, jiżdied għal 25%. Dan id-disturbance allowance ma jkunx pagabbli lill-uffiċjali li jkunu qed jaħdmu b'reduced hours.

iii. prorata responsibility allowance ta' 25% tal-iskala tas-salarju rispettiv.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) jinkludu li:

i. Imexxi u jaqdi dmirijiet relatati mal-funzjonijiet tal-Managing Authority, Responsible Authority, Competent Authority, Accounting Function kif ukoll il-Payments Unit

applications for the position of Senior Manager (EU Funds) within the EU Funding Divisions in the Ministry for European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a (3) three year assignment as a Senior Manager (EU Funds) within the EU Funding Divisions in the Ministry for the European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue.

2.2 The position of Senior Manager (EU Funds) is subject to a probationary period of twelve (12) twelve months.

2.3 Since this is a position which is time-barred or linked to the completion of a specific task, the position of Senior Manager (EU Funds)constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

Salary Pegged to the Position

3.1 The Salary attached to the position of Senior Manger (EU Funds) is equivalent to the maximum of Salary Scale 5 less an increment (equivalent to €35,737.33 in 2024), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one year service, whichever is the latter.

3.2 The selected candidate will also be entitled to:

i. a performance bonus of up to 10% of his/her basic salary. The actual rate will be established at the discretion of the Permanent Secretary:

ii. a disturbance allowance (in lieu of overtime) of 15% of the respective scale which may, in exceptional circumstances and for specific periods duly authorized by the Permanent Secretary (EU Funds), be increased up to 25%. This disturbance allowance shall not be payable to officers while they are working on reduced hours; and

iii. a pro-rata responsibility allowance of 25% of the respective salary scale.

Duties

4. The job duties for the position of Senior Manager (EU Funds) include:

i. Lead and carry out duties in relation to the Managing Authority, Responsible Authority, Competent Authority, Accounting Function as well as the Payments Unit for

għall-European Structural and Investment Funds (ESIF), ir-Recovery and Resilience Fund (RRF) u fondi oħra skont ir-regoli applikabbli nazzjonali u tal-UE;

ii. Imexxi u jkun involut fil-funzjonijiet relatati ma' l-immaniġġjar tal-Fondi Ewropej u fondi oħrajn allokati lil Malta;

iii. Jaqdi funzjonijiet u jipprovdi tmexxija f'dak li jikkonċerna l-funzjoni tal-Intermediate Body għall-miżuri ffinanzjati mill-Fondi Ewropej implimentati mill-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet u l-entitajiet tiegħu;

iv. Imexxi u jkun involut fl-ifformular tal-istrateġija, it-tfassil tal-Operational Programmes u l-aġġornamenti pertinenti biex jiġi assigurat l-implimentazzjoni effettiva tal-ESIF, ir-RRF u fondi oħrajn allokati lil Malta;

v. Jipprovdi tmexxija fil-kontribut u l-kordinazzjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-EU Acquis f'dak li jikkonċerna politika reġjonali inkluż il-Multi Annual Financial Framework, kwistjonijiet relatati mal-ESIF, ir-RRF u fondi Ewropej oħra;

vi. Jagħmel l-evalwazzoni tal-programmi pertinenti u funzjonijiet oħra relatati ma' fondi Ewropej rilevanti;

vii. Jipprovdi gwida lill-focal points tal-Unjoni Ewropea u programmi ta' fondi oħra li huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni jew minn istituzzjonijiet oħra;

viii. Imexxi riċerka rilevanti u jipprepara rapporti u dokumenti kif meħtieġ;

ix. Jorganizza u jipparteċipa f'laqgħat u jieħu minuti tad-diskussjonijiet f'Malta u barra minn Malta kif meħtieġ;

x. Jinvolvi u jikkomunika b'mod effettiv mal-istakeholders rilevanti kif meħtieġ;

xi. Jipparteċipa f'taħriġ u konferenzi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

xii. Jassigura li jkun hemm immaniġġjar effettiv ta' riżorsi u tmexxija xierqa lill-ħaddiema taħt superviżjoni;

xiii. Iwettaq dmirjiet oħra kif mitlub mill-Kap tad-Dipartiment jew mis-Segretarju Permanenti jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

the European Structural and Investment Funds (ESIF), Recovery and Resilience Fund, and other funds in line with the applicable national and EU rules;

ii. Lead and actively engage in all functions relating to the management of EU and other Funds allocated to Malta;

iii. Undertake work and provide leadership concerning the International Body function for EU funded measures implemented by the Ministry for Economy, European Funds and Lands and its entities;

iv. Lead and engage in strategy formulation, the design of appropriate Operational Programmes and their pertinent updates with a view to ensure the effective implementation of ESIF, RRF and other Funds allocated to Malta;

v. Provide leadership in contributing and coordinating issues dealing with the EU Acquis concerning regional policy including the Multi-Annual Financial Framework, matters dealing with ESIF, RRF and other EU funds;

vi. Undertake evaluation of pertinent programmes and other functions connected with relevant EU funds;

vii. Provide guidance to the focal points of the EU and other Funding Programmes that are managed by the Commission or other institutions;

viii. Lead appropriate research, and prepare reports and documents as necessary;

ix. Organise and participate in meetings and take minutes of discussions, in Malta and abroad as necessary;

x. Engage and effectively liaise with relevant stakeholders as necessary;

xi. Participate in training and conferences both locally and abroad;

xii. Carry out effective management of resources and provide strong leadership to staff under supervision;

xiii. Carry out any other duties as assigned by the Head of Department and the Permanent Secretary or his/her representative;

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża b'mod effettiv;

iii. (a) ikollhom, fil-pussess kwalifika rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 90 krettu ECTS/

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages effectively;

iii. (a) in possession of a recognised qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits

ECVET, jew ekwivalenti*) f'oqsma rilevanti, flimkien ma' hames (5) snin esperjenza ta' xoghol rilevanti.

*Kwalifika ta' Master rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jigi vverifikat mill-MQRIC li l-ammount ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

JEW

(b) ikollhom, fil-pussess kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'oqsma rilevanti, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

JEW

(c) Uffiċjali pubbliċi fi Skala mhux inqas minn Skala 10, li l-ħatra tagħhom f'din l-iskala ġiet ikkonfermata, u li għandhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu EXTS/ECVET, jew ekwivalenti*).

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabbli hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

(d) jokkupaw pożizzjoni ta' Senior Manager, li tkun relatata mat-tħaddim tal-Fondi tal-UE, li l-ħatra tagħhom f'din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew

or equivalent*) in relevant areas, plus five (5) years relevant work experience.

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

OR

(b) in possession of a recognised Bachelor qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in relevant areas, plus three (3) years relevant work experience.

OR

(c) Public officers in Scale not below Scale 10, whose appointment in such scale has been confirmed, and who are in possession of a recognised Bachelor qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*).

*A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

OR

(d) (d) incumbents in the EU Fund management related position of Senior Manager whose appointment in the position has been confirmed.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 5.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or

ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur tas-Servizi Korporattivi, Ministeru

be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for European Funds,

għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, 31B, Tal-Pilar, Triq Marsamxett, Il-

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024.pdf) or may be obtained from Corporate Services Directorate, 31B, Tal-Pilar, Triq Marsamxett, Valletta. These general

Equality, Reforms and Social Dialogue, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 26th April, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-dipartiment/diviżjoni/direttorat huma (https://eufunds.gov.mt) u (recruitment.mees@gov.mt).

It-12 ta' April, 2024

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, L-UGWALJANZA, IR-RIFORMI U D-DJALOGU SOĊJALI

Post ta' Manager I (Compliance) fil-Ministeru għall-Fondi Ewopej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I (Compliance) fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg fi ħdan il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Madankollu, jekk applikant għandu fil-pussess tiegħu Warrant ta' Għalliem (Permanenti), iżda m'għandux kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-Livell 6/7 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u l-Appendiċi tagħha, huwa xorta waħda eliġibbli biex japplika bil-kundizzjoni li l-applikant jipprovdi evidenza dokumentata li hu/hi ġie kkonfermat, (jiġifieri m'għadux taħt probation u ħadem għal sena skolastika sħiħa) fil-grad ta' Għalliem, u għallem is-suġġett/qasam/ċiklu li għalih saret applikazzjoni, fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja.

(x) Uffiċjali pubbliċi fi grad ta' Għalliem, li li l-ħatra tagħhom f'dan il-grad ġiet ikkonfermata, u li jixtiequ jiġu kkunsidrati biex jgħallmu f'ċiklu differenti u/jew jgħallmu suġġett differenti, jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li minbarra jkollhom kwalifika ta' tagħlim/pedagoġija skont Appendiċi A, ikollhom minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET f'Livell 6 tal-MQF fis-suġett/qasam li applikaw għalih, anke jekk il-kwalifika/kors ta' tagħlim/pedagoġija tagħhom ma jkunx fis-suġġett/qasam li applikaw għalih.

(xi) L-applikanti li għandhom fil-pussess kwalifika tat-tagħlim fl-Edukazzjoni fi Snin Bikrin jew fil-Primarja, kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi tagħha, jrid ikollhom fil-pussess tagħhom ukoll:

(a) Tliet (3) Ċertifikati tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u/jew Livell Ordinarju ('O' Level grad A-C jew 9-4) fil-Livell 3 tal-MQF jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, fil-lingwa Maltija, fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika. Dment li applikant li ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti (f'paragrafu xiv) xorta jkun eliġibbli li japplika jekk ikollu Warrant Permanenti ta' Għalliem, u kien jgħallem full-time fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obligatorja għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames (5) snin skolastiċi fl-aħħar għaxar (10) snin skolastiċi.

(viii) have a recognised teaching qualification/pedagogical course at MQF Level 6, as defined in this call and its appendices, and has a minimum of 60 ECTS/ECVET credits at MQF Level 6 in the subject/area applied for even if their teaching/pedagogical qualification/course, as defined in this call and its appendices, is not in the subject/area applied for;

OR

(ix) applicants who have registered for, and subsequently awarded, a recognised (Master) qualification at MQF Level 7 with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent* in the subject applied for, before 29th July 2008, and have been awarded a Teacher's Warrant (Permanent) in accordance with article 41 of the Education Act, must also have a recognised teaching qualification at MQF Level 6/7, as defined in this call and Appendix A, in the subject/area/cycle applied for.

However, if an applicant is in possession of a Teacher's Warrant (Permanent), but is not in possession of a recognised teaching qualification at MQF Level 6/7, as defined in this call and its appendices, s/he is still eligible to apply on condition that the applicant provides documented evidence that s/he has been confirmed, (i.e. no longer under probation and worked for a full scholastic year) in the grade of Teacher, and has taught the subject/area/cycle applied for, in a licensed school offering compulsory education.

(x) Public officers in the grade of Teacher, whose appointment in such grade has been confirmed, and who wish to be considered to teach at a different cycle and/or to teach a different subject, may apply on condition that besides being in possession of a teaching/pedagogical qualification as per Appendix A, have a minimum of 60 ECTS/ECVET credits at MQF Level 6 in the subject/area applied for, even if their teaching/pedagogical qualification/course is not in the subject/area applied for.

(xi) Applicants in possession of a teaching qualification in Early Childhood Education and Care or in the Primary, as defined in this call and its appendices, must also be in possession of:

(a) Three (3) Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) u/jew Ordinary Level ('O' Level grade A-C or 9-4) at MQF Level 3 or a recognised pertinent comparable qualification in Maltese language, English language and Mathematics. Provided that an applicant who does not satisfy these requirements (paragraph xiv) would still be eligible to apply if s/he is in possession of a Permanent Teacher's Warrant, and has been in a full-time teaching position in a licensed school for a period of not less than five (5) scholastic years in the last ten (10) scholastic years.

(b) Applikanti li daħlu għal wieħed mill-korsijiet stipulati f' (xi) u Appendiċi A bħala studenti maturi u temmew b'suċċess dawn il-kors huma eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' paragrafu (xi) (a) sakemm jipproduċu testimonjanza f'dan is-sens mill-istituzzjoni rilevanti.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabbli hija accetta biss suggett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2. Kull referenza għal kwaliki rikonoxxuti ta' tagħlim jew kors pedagoġiku Appendiċi A: (https://educationservices.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Appendix%20A%20-%20Recognised%20Teaching%20qualifications%202024).pdf msemmi hawn fuq. Barra min hekk L-applikanti huma meħtieġa wkoll jirreferu għall-Appendiċi B billi jaċċessaw dan il-link: (https://educationservices.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Appendix%20B%20-%20Further%20eligibility%20criteria%20for%20Teacher%20call%202024.pdf) ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet li tindika aktar dettalji u rekwiżiti ta' eliġibbiltà fil-qasam tal-Eliġibbiltà tas-suġġetti elenkati fil-paragrafu 1.2.

L-applikanti, li jixtiequ japplikaw għal suġġetti li mhumiex elenkati fl-Appendiċi B, għandhom jirreferu għall-paragrafi fit-taqsima 4.1 u Appendiċi A għar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.

4.3. Kwalifiki f'livell ogħla minn dak speċifikat hawn fuq u f'paragrafi 4.1 u 4.2, jiġu aċċettati għal skopjiet ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġett/qasam/ċiklu mitluba.

4.4. L-applikanti li jkunu fl-aħħar sena tal-kors li jwassal għall-għoti tal-kwalifika xierqa ta' tagħlim skont il-paragrafi taħt sezzjoni 4.1 xorta jistgħu japplikaw. Dawn l-applikanti jkunu jridu li jippruvaw t-tlestija b'suċċess tal-kors rilevanti sat-30 ta' Marzu, 2025. In-nuqqas li tingħata din l-evidenza jwassal għat-tneħħija mil-lista ta' mertu ta' riżultat u jekk tali applikant ikun ingaġġat, il-ħatra tiegħu/tagħha bħala Għalliem/a tiġi mibdula għal dik ta' Għalliem/a Supplimentari u l-ingaġġ ikun fuq bażi definita għas-sena skolastika 2024/2025, li tista' tiġi tiġġedded għal perjodi oħra.

4.5. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz

(b) Applicants who entered one of the courses stipulated in (xi) and Appendix A as mature students and successfully completed such courses, are exempt from the provisions of paragraph (xi) (a) provided they produce a testimonial to this effect from the awarding institution.

*A recognised qualification comparable to 60 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2. Any reference to recognised teaching qualifications or pedagogical course Appendix A: (https://educationservices.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Appendix%20A%20-%20Recognised%20Teaching%20qualifications%202024.pdf) mentioned above. Moreover applicants are also required to refer to Appendix B by accessing the following link: (https://educationservices.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Appendix%20B%20-%20Further%20eligibility%20criteria%20for%20Teacher%20call%202024.pdf) of this call for applications, which indicates further details and eligibility requirements within the area of eligibility of the listed subjects in paragraph 1.2.

Applicants, who wish to apply for subjects which are not listed in Appendix B, should refer to paragraphs in section 4.1 and Appendix A for the eligibility requirements.

4.3. Qualifications at a level higher than that specified above and in paragraphs 4.1 and 4.2 will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject/area/cycle requirements.

4.4. Applicants who are in the final year of the course leading to the award of their appropriate teaching qualification as per paragraphs under section 4.1 may still apply. Such applicants would need to prove the successful completion of the relevant course by 30th March, 2025. Failure to provide such evidence will lead to the removal from the result merit list and if such an applicant is engaged, his/her appointment as Teacher will be changed to that of a Supply Teacher and the engagement will be on a definite basis for scholastic year 2024/2025, which may be renewed for further periods.

4.5. Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of

ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.6. Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.7. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.8. Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jippreżenta dikjarazzjoni ta' komparabbilità maħruġa mis-CTP għal kwalifiki tat-Tagħlim, li tikkonferma il-komparabbilità tal-kwalifikazzjoni skont paragrafi 4.2 sa 4.4 u Appendiċi A. Dawk li għandhom kwalifika ta' tagħlim, kif imsemmija f'Appendiċi A, m'għandhomx għalfejn jippreżentaw dikjarazzjoni tal-komparabbilità.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom jiġu skennjati u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikanti li jixtiequ jipprovdu dokumentazzjoni 'l hinn minn dak rikjest mis-sejħa, inkluż rapporti tal-prattika ta' tagħlim, għandhom iġibuhom magħhom jekk u meta jissejħu għall-intervista.

a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.6. Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.7. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.8. It is the applicant's responsibility to present a comparability statement issued by the CTP for teaching qualifications confirming the comparability of the qualification in accordance with paragraphs 4.2 to 4.4 and Appendix A. Holders of a teaching qualification as listed in Appendix A, are exempted from presenting such a comparability statement.

Submission of Supporting Documents

5.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt), when you apply. Applicants wishing to produce supporting documentation over and above that required by this call, including teaching practice reports, are to produce such documentation, if and when called for an interview.

Ċertifikati tad-Diploma/Degree/Post-graduate jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom transcript, bl-Ingliż (Diploma/Certificate supplement), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2. Id-dokumenti oriġinali, għandhom dejjem jintwerew għall-verifika waqt l-intervista. L-applikanti jridu wkoll jipproduċu Employment History aġġornata maħruġa minn Jobsplus jew l-ekwivalenti tagħha, bħala prova ta' esperjenza ta' xogħol. Jekk dan id-dokument ma jiġix prodott, ma tingħata l-ebda marka għall-esperjenza.

Proċeduri tal-Għażla

6.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi determinat kemm huma adattati għall-post. Il-marka massima għal dan il-process tal-għażla hija ta' 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 400. Bħala parti mill-intervistà l-applikanti eliġibbli huma mistennija li:

a. Tagħti preżentazzjoni diġitali ta' 5 sa 7 minuti bl-Ingliz li turi l-ħila' sħiħa fil pedagoġija u fl-assesjar f'ambjent inklusiv fil-suġġett/qasam/ċiklu li tkun saret applizzjoni għalih;

b. Turi għarfien professjonali, kompetenzi u attitudnijiet permezz ta' studju/i (ta'każijiet) u sensiela ta' mistoqsijiet bil-Malti.

L-applikanti eliġibbli għandhom iġibu laptop/tablet tagħhom u jipprovdu lill-bord tal-għażla verżjoni stampata tal- preżentazzjoni. fin-nuqqaas ta' laptop/tablet, il-kandidati huma meħtieġa li jkollhom aċċess għall-preżentazzjoni permezz ta' memory stick. Il-kriterji tal-assessjar tista' taċċessahom minn (https://educationservices.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

6.2. Il-persuna magħżula taħt paragrafu 4.4 titqiegħed fil-lista ta' ordni ta' mertu bil-kundizzjoni li tkun ikkwalifikata kompletament jew tkun temmet b'suċċess il-kwalifika ta' tagħlim sat-30 ta' Marzu, 2025. Jekk ma tiġix sodisfatta xi waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, iwassal għat-tneħħija mil-lista tal-ordni ta'mertu.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1. L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn waħda mill-għażliet imsemmija f'paragrafu 1.2 hawn fuq, billi japplikaw separatament għal kull suġġett/ċiklu/qasam. Madankollu, hija l-prerogattiva tal-MEYR li jagħżel liema suġġett/i u/jew ċiklu/i u/jew qasam/oqsma joffri lill-kandidati magħżulin, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-MEYR.

7.2. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-

Diploma/Degree/Post-graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript (Diploma/Certificate supplement) in English, showing the Degree obtained and the final classification.

5.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview. Applicants must also produce an updated Employment History issued by Jobsplus or its equivalent, as proof of work experience. Failure to produce this document means no marks will be given for experience.

Selection Procedures

6.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 800 and the pass mark is 400. As part of the interview eligible applicants are expected to:

a. Give a 5 to 7-minute digital presentation in English showing the ability to demonstrate mastery in pedagogy and assessment in an inclusive environment in the subject/area/cycle applied for;

b. Show professional knowledge, competences and attitudes through case study/studies and a series of questions in Maltese.

Eligible applicants are to bring their own laptop/tablet and to provide the selection board with a printed version of the presentation. In the absence of a laptop/tablet, candidates are required to have access to the presentation through a memory stick. The Assessment Criteria can be accessed from (https://educationservices.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

6.2. A successful applicant under clause 4.4 will be placed in the order of merit, subject to the condition that s/he is either fully qualified or has successfully completed his/her teaching qualification, by 30th March, 2025. Failure to satisfy any one of the above conditions will lead to the removal from the merit list.

Submission of Applications

7.1. Applicants may apply for more than one of the options listed in clause 1.2 above, by applying separately for every subject/cycle/area. However, it is the prerogative of MEYR to select under which subject/s and/or cycle/s and/or area/s to offer employment to the selected candidates, according to the exigencies of the Malta Public Service and MEYR.

7.2. Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research

Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.3. Minħabba l-esiġenzi tal-MEYR, il-proċess tal-għażla għall-ewwel jikkunsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 29 t'April, 2024. Madankollu, wara l-ewwel data tal-għeluq fejn ma teżisti l-ebda post battal f'ċiklu/suġġett/qasam, il-profil għal dak iċ-ċiklu/suġġett/qasam partikolari jingħalaq u jibqa' magħluq sakemm isseħħ vakanza. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ notifika li tirreklama li ċ-ċiklu/suġġett/qasam partikolari issa huwa miftuħ u se jibqa' miftuħ sakemm jimtela dak il-post battal.

Dawk l-applikanti magħżulin f'kull ċiklu/suġġett/qasam jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita minħabba vakanzi addizzjonali fiċ-ċiklu/suġġett/qasam imsemmi f'paragrafu 1.2, applikanti oħra jistgħu jiġu assessjati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikun ssottomettew l-applikazzjoni sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, 2025. Jekk teħtieġ assistenza ġentilment għamel kuntatt fuq in-numru 25980000.

7.4. L-applikanti għandhom, wara li jiġu offruti l-ingaġġ u jirċievu l-Formola ta' Notifika ta' Deployment (DNF) mibgħuta mid-Direttorat tar-Riżorsi għall-Edukazzjoni, iġeddu l-warrant temporanju tagħhom minn (https://education.gov.mt/renewal-warrants). L-applikanti huma meħtieġa jipprovdu kopja PDF tal-formola ta' Notifika ta' Deployment (DNF) ma' l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-warrant temporanju.

7.5. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.6. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

and Innovation through the online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal.

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 30th May, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.3. Due to the exigencies of MEYR, the selection process will initially consider applications received by5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 29th April, 2024. However, after the first closing date where no vacancy exist in a cycle/subject/area, the profile for that particular cycle/subject/area will close and remain closed until a vacancy occurs. In such instances, a notification is issued advertising that particular cycle/subject/area is now open and will remain open until that vacancy is filled.

Successful candidates in every cycle/subject/area will be placed in an order of merit list which will remain valid for one (1) year from the date of publication or until the result list is exhausted, whichever is earlier.

However, should the order of merit list be exhausted as a result of additional vacancies in the cycle/subject/area mentioned in paragraph 1.2, other applicants may be assessed without recourse to a new call for applications, provided they would have submitted their application by 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 30th May, 2025. Should you require assistance kindly contact on telephone number 25980000.

7.4. Applicants must, after being offered engagement and receiving the Notification Form (DNF) from the Education Resources Directorate, renew their temporary warrant online from (https://education.gov.mt/renewal-warrants). Applicants must upload a PDF copy of the Deployment Notification Form (DNF) with the application for the renewal of the temporary warrant.

7.5. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.6. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.7. Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf)

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-12 ta' April, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Pożizzjoni ta' Kordinaturi part-time biex jikkordinaw il-catch-up classes tas-sajf fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarju 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Kordinaturi part-

7.7. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result; medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

12th April, 2024

MINISTRY OF EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Position of part-time Coordinators to coordinate the summer catch-up classes in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L.327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, invites applications for the position of part-time Coordinators to coordinate the

time biex jikkordinaw il-catch-up classes tas-sajf fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kif ġej:

Part-time Centre Coordinators

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Il-programm se jibda mit-Tnejn sal-Ħamis għal 8 ġimgħat mill-15 ta' Lulju, 2024 sal-5 ta' Settembru, 2024. Minħabba n-natura preparatorja ta' xi kompiti, il-part-time Centre Coordinators se jkunu meħtieġa jibdew id-dmirijiet diversi ġimgħat qabel il-bidu tal-programm. Il-kordinaturi part-time kollha għandhom jirrappurtaw għax-xogħol 15-il minuta qabel il-ftuħ taċ-ċentru għall-istudenti.

Laqgħa ta' informazzjoni għall-applikanti prospettivi tista' ssir qabel il-bidu tal-programm.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Kordinaturi part-time għall-catch-up classes tas-sajf hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tliet (3) xhur.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Kordinaturi part-time għall-catch-up classes tas-sajf, hija skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Il-proviżjonijiet relatati dwar il-benefiċċji u entitlements skont kif imniżżla fil-Public Service Management Code bħal vacation leave u leave tal-mard, fil-każ ta' part-timers, huma fuq bażi prorata. Il-vacation leave jrid jittieħed matul il-btajjel tal-iskola.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Kordinaturi part-time għall-catch-up classes tas-sajf ser jaħdmu fuq bażi part-time għal massimu ta' għoxrin (20) siegħa fil-ġimgħa, jiddependi min-numru ta' applikanti li jkunu applikaw biex jattendu għall-korsijiet u/jew kwalunkwe esiġenzi li jistgħu jinqalgħu/jinbidlu minn żmien għal żmien. Il-ħatra definittiva tagħhom part-time tista' tiġġedded għal perjodi oħra.

3.2 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Kordinaturi part-time għall-catch-up classes tas-sajf se jitħallsu bir-rata ta' €18.37 għal kull 40 minuta time slot mogħtija. Ir-remunerazzjoni tinkludi l-preparazzjoni, il-ħin tal-kuntatt u kwalunkwe dmir ieħor relatat. Ir-rata part-time se tintuża għal skopijiet ta' tnaqqis tat-taxxa.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Kordinaturi part-time għall-catch-up classes tas-sajf jinkludu li:

summer catch-up classes within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation as follows:

Part-time Centre Coordinators

Duration of Assignment and Conditions

2.1 The programme will run from Mondays to Thursdays for 8 weeks from the 15th of July, 2024 until the 5th of September, 2024. Due to the preparatory nature of some tasks, part-time Centre Coordinators will be required to start duties several weeks prior to the start of the programme. All part-time Coordinators are to report to work 15 minutes prior to the opening of centre for students.

An information meeting for prospective applicants may be held prior to the commencement of the program.

2.2 The position of part-time Coordinators for the summer catch-up classes is subject to a probationary period of three (3) months.

2.3 Since this is a position which is time-barred or linked to the completion of a specific task, the position of part-time Coordinators for the summer catch-up classes constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 The provisions relating to benefits and entitlements described in the Public Service Management Code such as vacation and sick leave are in the case of part-timers applicable on a pro-rata basis. Vacation leave is to be availed of during the school holidays.

Salary Pegged to the Position

3.1 Part-time Coordinators for the summer catch-up classes shall work on a part-time basis for a maximum of twenty (20) hours per week, depending on the number of applicants who would have applied to attend the courses and/or any exigencies which may arise/change from time to time. Their definite part-time appointment may be renewed for further periods.

3.2 Part-time Coordinators for the summer catch-up classes shall be paid at the rate of €18.37 for each 40-minute time slot given. The remuneration is inclusive of preparation, contact time and any other related duties. Part-time rate will be used for tax deduction purposes.

Duties

4. The duties of part-time Coordinators for the summer catch-up classes include:

Centre Coordinator

i. Jiffoka fuq il-ġestjoni ta' ċentru speċifiku;

ii. Jikkordina l-catch-up classes b'kurrikulu ċċentrat fuq l-istudent f'diversi suġġetti;

iii. Jiggwida lill-istudenti u jipprovdi appoġġ kif meħtieġ;

iv. Jimmonitorja l-kwalità u l-istandards tat-tagħlim permezz ta' osservazzjonijiet tal-klassi u kontrolli ta' assigurazzjoni tal-kwalità;

v. Jipproċessa d-dikjarazzjonijiet tal-pagi u jivverifika l-karti tal-attendenza u d-dokumentazzjoni tal-għalliema part-time li jgħallmu catch-up classes;

vi. Jiżgura l-ordni u d-dixxiplina u jippromovi relazzjonijiet tajbin bejn l-edukaturi u l-istudenti;

vii. Jikkordina it-timetables tal-korsijiet;

viii. Jiżgura li r-rekords tal-istudenti jinżammu aġġornati, jiġbor id-dejta u jaġġorna l-istatistika, b'mod partikolari l-istatistika relatata mal-attendenza tal-istudenti;

ix. Jimmonitorja l-indafa taċ-ċentru u jikkomunika mal-amministrazzjoni tal-iskola biex jiżgura manutenzjoni xierqa tal-bini tal-iskola, faċilitajiet u tagħmir;

x. Jikkollabora ma' kordinaturi oħra biex jiżgura li r-riżorsi u r-rekwiżiti organizzattivi jkunu kkordinati u allinjati;

xi. Jikkollabora mad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi (DSE) biex jiżgura li l-istudenti xierqa jkunu motivati;

xii. Jaħdem mill-qrib mal-membri tal-istaff tal-HCN u kordinaturi oħra;

xiii. Jattendi laqgħat tal-istaff, taħriġ tat-tim u programmi oħra;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

Centre Coordinator

i. Focuses on managing a specific centre;

ii. Coordinates catch-up classes with a learner-centred curriculum in various subjects;

iii. Guides learners and provides support as required;

iv. Monitors the quality and standards of teaching and learning through class observations and quality assurance checks;

v. Processes wage returns and verifies attendance sheets and documentation of part-time teachers teaching catch-up classes;

vi. Ensures order and discipline and promotes healthy relationships between educators and learners;

vii. Coordinates course timetables;

viii. Ensures learners records are kept up to date, compiles data and updates statistics, in particular statistics related to learners' attendance;

ix. Monitors the centre's cleanliness and liaises with school administration to ensure proper servicing of the school building, facilities and equipment;

x. Liaises with other coordinators to ensure that resources and organisational requirements are coordinated and aligned;

xi. Liaises with Directorate for Educational Services (DES) to ensures that the appropriate learners are engaged;

xii. Works closely with the HCN's staff members and other coordinators;

xiii. Attends staff meetings, team training and other programmes;

xiv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. Edukatur fil-grad ta' Għalliem jew Assistent Kap ta' Skola jew Kap ta' Skola jew Kap ta' Dipartiment jew Uffiċjal Edukattiv.

iii. an Educator in the grade of a Teacher or Assistant Head of School or Head of School or Head of Department or Education Officer.

iv. fil-pussess ta' Teacher's Warrant (Permanenti) maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema (CTP) taħt l-artikolu 24 (2) tal-Education Act.

iv. in possession of a Teacher's Warrant (Permanent) issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under article 24 (2) of the Education Act.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.3 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f' din il-pożizzjoni skont 5.1 sa 5.2 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-indirizz (https://forms.office.com/e/xN9LRh6mEB).

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' April, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.3 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.2 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation through (https://forms.office.com/e/xN9LRh6mEB).

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 29th April, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-12 ta' April, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Pożizzjoni ta' Għalliema part-time għall-catch-up classes fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal m' huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jilqa'

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024).pdf. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

12th April, 2024

MINISTRY OF EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Position of part-time Teachers for catch-up classes in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L.327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation invites applications

viii. Be responsible for the urgent sourcing and the advice on transportation of such supplies;

ix. Jagħmel valutazzjonijiet tar-riskju rilevanti flimkien max-xogħol assenjat;

ix. Do relevant risk assessments in liaison to the tasks assigned;

x. Jiżviluppa u jirrevedi politiki ta' akkwist u proċeduri operattivi biex jiffaċilita l-proċessi;

x. Develops and reviews procurement policies and standard operating procedures to facilitate harmonized processes;

xi. Jipprovdi dokumentazzjoni li tassigura il-kwalità u azzjoni biex jimmaniġġjaw il-proċessi;

xi. Provides quality assurance documentation and action to manage the processes;

xii. Jipprovdi pariri lill-maniġment tas-CPSU, lill-persunal u lill-partijiet interessati;

xii. Provides advice to CPSU management, staff and relevant stakeholders;

xiii. Jippjana u jorganizza l-attivitajiet tat-tim u jamministra l-prestazzjoni u l-iżvilupp tal-persunal;

xiii. Plans and organizes the activities of the support team and manages the performance and development of staff;

xiv. Jikkontribwixxi impenn u sforz, b'kollaborazzjoni, fil-kisba u ż-żamma ta' ċertifikazzjoni internazzjonali dwar l-istandards;

xiv. Contributes commitment and effort, in collaboration, in obtaining and maintaining international certification on standards;

xv. Jipprovdi pariri dwar kwistjonijiet operattivi u oqsma ta' reviżjoni proċedurali lill-Kap Eżekuttiv jew lid-delegat;

xv. Provides advice on operational matters and areas of procedural review to the Chief Executive Officer or delegate;

xvi. Iżomm kuntatt dirett mad-Dipartiment tal-Kuntratti u l-MITA sabiex jiġu mmaniġġjati l-proċessi;

xvi. Liaison with the Department of Contracts and MITA in order to manage processes;

xvii. Jiġbor u janalizza data u jużaha biex jippjana u jimmaniġġja kemm proġetti kif ukoll sistemi;

xvii. Gather and analyse data and using it to plan and manage both projects and systems;

xviii. Jiżgura kwalità u valur għall-flus għall-pazjenti;

xviii. Working towards ensuring quality and value for money for patients;

xix. Janalizza d-data għal skopijiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità u monitoraġġ;

xix. Extrapolating data for quality assurance and monitoring purposes;

xx. Jippjana u jimplimenta bidliet strateġiċi biex ittejjeb is-servizz;

xx. Planning and implementing strategic changes to improve service delivery;

xxi. Jattendi laqgħat, jikteb rapporti u jagħti preżentazzjonijiet lil udenzi diversi;

xxi. Attending meetings, writing reports and delivering presentations to a variety of audiences;

xxii. Governanza klinika u verifika;

xxii. Clinical governance and audit;

xxiii. Jifforma parti minn kumitati u jirrappreżenta lid-dipartimenti;

xxiii. Sitting on committees and representing the views of the departments and teams;

xxiv. Jimmaniġġja ċertu komunikazzjoni ta' natura korporattiva;

xxv. Jappoġġa sistemi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) u l-ippjanar fejn għandhom x'jaqsmu proġetti kbar;

xxvi. Iwettaq kull xogħol ieħor, li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ;

xxvii. Kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

1. ċittadini ta' Malta; jew

2. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

3. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

4. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

5. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

6. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-

xxiv. Handling certain communications and corporate affairs;

xxv. Supporting Information and Communication Technology (ICT) systems and planning new provision and development, sometimes for major projects;

xxvi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xxvii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 An appointee may be requested to perform duties in any of the health care services in the Government of Malta at the discretion of the management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

1. citizens of Malta; or

2. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

3. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

4. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

5. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

6. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the

Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii: kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

iii: Fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell MQF 6 (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fix-xjenzi naturali jew dixxiplini xjentifiċi relatati, fosthom jistgħu jinkludu Xjenza tal-Laboratorju jew Bijoloġija u Kimika jew Inġinerija Mekkanika.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifikarikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom

Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii able to communicate in the Maltese and English Languages;

iii In possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent) in natural sciences or related scientific disciplines, amongst which may include Laboratory Science or Biology and Chemistry or Mechanical Engineering.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024).pdf will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or

mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1 have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 26 April, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;

pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (https://saħħa.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

It-12 ta' April, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Konsulent Pedjatra fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u Adolexxenti, fl-Isptar Mater Dei u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Konsulent Pedjatra fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u Adolexxenti, fl-Isptar Mater Dei u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Konsultent huwa ta' Skala ta' Salarju 4, li fis-sena 2024 huwa €40,145.00 fis-sena.

2.3 Persuna fil-ħatra ta' Konsulent tirrapporta lill-Amministrazzjoni tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u lil-Leadership Kliniku u wkoll lill-Chairperson Kliniku, Saħħa tat-Tfal u Adolexxenti fl-Isptar Mater Dei, u ultimament twieġeb lill-Uffiċjal Mediku Ewlieni. Qed jiġi hawnhekk innutat li dan il-post maqsum (50/50) u se jkun għal ħames (5) snin fejn wara l-persuna magħżula tiddeċiedi jekk tibqax bħalma hi taħt l-istess termini u kundizzjonijiet ta' din is-sejħa jew tieħu l-post full-time jew fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jew fl-Isptar Mater Dei.

publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024).pdf or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website and email address of the receiving Division are (https://health.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt)

12th April, 2024

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Post of Consultant Paediatrician in the Department of Child and Adolescent Health at Mater Dei Hospital and Gozo General Hospital in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the post of Consultant Paediatrician in the Department of Child and Adolescent Health at Mater Dei Hospital and Gozo General Hospital, in the Ministry for Health and Active Ageing.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Consultant is Salary Scale 4, which in the year 2024 is equivalent to €40,145.00 per annum.

2.3 The Consultant shall report to the Gozo General Hospital Management and Clinical Leadership and ultimately being answerable to the Chief Medical Officer and also to the Clinical Chairperson, Child and Adolescent Health at Mater Dei Hospital. It is hereby being noted that this is a shared post (50/50) and shall be for five (5) years where thereafter the selected appointed candidate will decide whether to remain as is under the same terms and conditions of this call or take on a full-time position either at the Gozo General Hospital or Mater Dei Hospital.

2.4 Persuna fil-ħatra ta' Konsulent tirrapporta direttament liċ-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u Adolexxenti.

2.5 Persuna li tiġi maħtura tkun tista' tagħżel li taħdem fuq bażi ta' Kuntratt A jew Kuntratt B.

2.6 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Konsulent Pedjatra jinkludu li:

i. Jipprovdi l-ogħla standards ta' kura bbażata fuq l-evidenza fil-ġestjoni ta' każijiet ta' pedjatrija ġenerali u pazjenti neonati bħala in-patients kif ukoll out-patients li tinkludi l-immaniġġjar ta' tfal bi problemi kumplessi u diżabbiltajiet u bżonnijiet ta' żvilupp b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-familji tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom u xi membru ieħor tat-tim multidixxiplinarju;

ii. Jipprovdi appoġġ u jekk ikun meħtieġ jara tfal li jippreżentaw bi problemi akuti fid-Dipartiment tal-Emerġenza Pedjatrika;

iii. Jaħdem f'kollegament u jaqsam ir-responsabbiltajiet ma' kollegi li jmexxu l-ġestjoni ta' kuljum tad-Dipartiment u jipparteċipaw b'mod attiv u jikkontribwixxu għal timijiet multidixxiplinarji;

iv. Jgħallem, iħarreġ u jissorvelja junior staff fil-livelli postgraduate kif ukoll undergraduate fi ħdan id-Dipartiment u jkun mudell għal tmexxija professjonali u jiżgura li tali kwalitajiet jinftiehmu u jintwerew mit-tim mediku;

v. Jipparteċipa b'mod attiv fl-edukazzjoni medika kontinwa u jattendi laqgħat kliniċi, akkademiċi u maniġerjali tad-dipartiment;

vi. Jipprovdi servizz, inkluż responsabbiltajiet kliniċi on-call barra mill-ħin kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, kif determinat mill-Clinical Chairperson tad-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u Adolexxenti fl-Isptar Mater Dei u mid-Direttur Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex li jinkludi l-kura għal trabi tat-twelid li jitwieldu permezz ta' ċesarja ta' emerġenza u ħlasijiet ikkumplikati;

vii. Jipparteċipa b'mod attiv fi kwistjonijiet dipartimentali inkluż il-verifika u governanza klinika;

2.4 The Consultant shall report to the Clinical Chairperson, Department of Child and Adolescent Health.

2.5 The appointee will be able to choose to work on a Contract A or B basis.

2.6 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

Duties

3.1 The job duties for the post of Consultant Paediatrician include:

i. Provides the highest standards of evidence based care in managing general paediatric and neonatal patients as inpatients as well as outpatients which includes managing children with complex problems and disabilities and developmental needs in close collaboration with their families and carers and other members of the multi-disciplinary team;

ii. Provides support and if required attend to children presenting with acute problems at the Paediatric Emergency Department;

iii. Works in liaison and share responsibilities with colleagues who run the day to day management of the department and actively participate and contribute to multi-disciplinary teams;

iv. Teach, train and supervise junior staff at postgraduate as well as undergraduate levels within the department and be a role model for professional leadership and ensure that such qualities are understood and demonstrated by the medical team;

v. Participates actively in continuing medical education and attends departmental clinical, academic and managerial meetings;

vi. Provides a service, including out of hour clinical on call responsibilities in both Malta and Gozo, as determined by the Clinical Chairperson of the Department of Child and Adolescent Health at Mater Dei Hospital and by the Medical Director at Gozo General Hospital which will include attending to newborns delivered by emergency Caesarean section and complicated deliveries;

vii. Participates actively in departmental matters including audit and clinical governance;

viii. Jiżviluppa u jipparteċipa b'mod attiv fir-riċerka klinika u jibqa' aġġornat fl-avvanzi fil-Pedjatrija li jinkludi l-attendenza f'Konferenzi Internazzjonali Pedjatriċi;

ix. Jinvolvi ruħu b'mod attiv fl-akkwist ta' oġġetti meħtiega għall-prattika tiegħu inkluż tfassil ta' speċifikazzjonijiet u jkun parti mill-proċessi ta' aġġudikazzjoni u jipparteċipa fi proġetti li għaddejjin;

x. Jaċċetta r-responsabbiltà u jipparteċipa f'attivitajiet li joħorġu mis-sħubija jew l-affiljazzjoni ma' networks tal-UE u internazzjonali tal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u l-Isptar Mater Dei bħal Networks Ewropej ta' Referenza (kif applikabbli għall-Pedjatrija);

xi. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika użati fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva;

xii. Ikun imħeġġeġ biex jiżviluppa servizz jekk hu/hi jkun kwalifikat jew ikollu aktar minn sentejn esperjenza f'sottospeċjalità pedjatrika madankollu r-rwol ewlieni jibqa' li jipprovdi servizz fil-Pedjatrija Ġenerali;

xiii. Iwettaq kull xogħol ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ;

xiv. Kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna appuntata tista' tkun rikjesta twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa f'Malta u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

viii. Develops and actively participate in clinical research and remain up to date with advances in Paediatrics including attending international Paediatric conferences;

ix. Be actively involved in the procurement of items required for his/her practice including the writing up of specifications and being part of the adjudication process and participates in any ongoing projects;

x. Accepts responsibility and participates in activities arising from the membership or affiliation with EU and International networks of the Ministry for Health and Active Ageing and Mater Dei Hospital such as the European Reference Networks (as applicable to Paediatrics);

xi. Makes use of Information Technology Systems that would be established in the Ministry for Health and Active Ageing;

xii. Will be encouraged to develop a service if he/she is qualified or has more than 2 years experience in a Paediatric subspeciality however the major role will remain in providing a service in General Paediatrics;

xiii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services in Malta and Gozo General Hospital at the discretion of the management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms

ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu wkoll:

i. ikollhom isimihom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Pedjatrija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

ii. ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Pedjatrija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

iii. a. ikollhom Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta'

of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. proficient in the Maltese and English languages.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

i. listed in the Specialist Register of Paediatrics kept by the Medical Council of Malta; or

ii. approved for inclusion in the Specialist Register of Paediatrics kept by the Medical Council of Malta; or

iii. a. in possession of a certificate of completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist

Speċjalisti ta' Malta għall-professjoni rilevanti, li juri li l-applikant lesta tali taħriġ speċjalizzat li jista' jintalab għall-Pedjatrija; jew

b. ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST għall-Pedjatrija, li tkun maħruġa mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

c. ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist fil-Pedjatrija.

4.3 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu aktar minn hekk ikollhom sentejn (2) esperjenza full-time bħala Speċjalist fil-Pedjatrija. Qed ikun hawnhekk ikkjarifikat li l-esperjenza bħala Speċjalist titqies li ma tibdiex qabel id-data tar-Reġistrazzjoni fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew reġistrazzjoni ekwivalenti maħruġa mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Qed ikun ikkjarifikat ukoll li l-esperjenza mwettqa fuq bażi part-time jew fi kwalunkwe każ fuq bażi ta' inqas minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa, tkun rikonoxxuta fuq bażi prorata.

4.4 Persuna magħżula li tkun eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (iii) (b) u paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq trid tkun imniżżla fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u trid tkun ukoll irreġistrata bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà għandu jintalab il-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, is-sit elettroniku tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta jista' jiġi kkonsultat minn (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/msac/Pages/msac.aspx).

4.6 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c), u li jkunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalist kif mitlub fil-paragrafu 4.5 għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw

Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Paediatrics; or

b. in possession of a specialist qualification equivalent to the CCST for Paediatrics, which is issued by the competent authority in another EU Member State, as listed in Part 1b of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

c. in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Paediatrics.

4.3 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore have two (2) years full-time experience as a Specialist in Paediatrics. It is hereby being clarified that specialist experience will be deemed not to commence prior to the date of registration in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta, or equivalent registration issued by the competent authority in another EU Member State. It is furthermore being clarified that experience carried out on a part-time basis, or in any case on a basis of less than forty (40) hours per week, is reckoned on a pro-rata basis.

4.4 The successful candidate eligible under paragraph 4.2 (iii) (b) and paragraph 4.2 (iii) (c) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta and must also be fully registered with the Medical Council of Malta before appointment.

4.5 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the certificate of completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/msac/Pages/msac.aspx).

4.6 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 4.5 should include a copy of that statement with their application and present the original at

l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li mhumiex fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissottomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u fi kwalunkwe ċirkustanza mhux aktar tard mid-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li jonqsu li jippreżentawx id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom jistgħu jitolbu estenjoni ta' dan il-limitu ta' żmien b'xahar ieħor mill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet lil hinn minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

4.7 Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

4.7 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in the calls for applications.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.8 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.8 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

